Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,084, 17 ta' April, 2001
Taqsima B

A.L. 85 ta' 2001

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti tas-sena 2001 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors ghall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D.

BIS-SAHHA tas-setghat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta s-sena 2001 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1992 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Philosophy (Ph.D.), ippubblikati bħala Avviz Legali 36 ta' l-1992, li minn hawn 'l quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Marzu 2001 'il quddiem.

Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"9. It-teżi għandha tkun eżaminata minn bord maħtur għal dan il-għan mill-Kunsill fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Fakulta' u tas-Senat. Il-bord għandu jkun magħmul mill-anqas minn tlieta eżaminaturi, li jinkludu

Chairman, eżaminatur barrani, u membru iehor, sakemm li l-eżami orali tat-teżi għandu jkun immexxi mill-anqas minn tliet eżaminaturi, u sakemm li s-superviżur ikun preklużmilli jeżamina iżda jkun mistieden jattendi bħala osservatur waqt l-eżami orali. Il-bord għandu jissottometti rapport finali lis-Senat li fih jgħid jekk il-kandidat għandux jingħata l-grad ta' Doctor of Philosophy (Ph.D.)."